# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 15**

**Rikors numru 73/15 AL**

**Katya Vella Bamber**

**v.**

**Pierre Duflou**

**Preliminari**

Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza preliminari [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fit-30 ta' Gunju 2015, li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut billi cahdithom u iddikjarat li kellha gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi l-mertu tal-kaz odjern; konsegwentement ordnat il-prosegwiment tal-kawza; bl-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**Mertu**

F’dawn il-proceduri, l-attrici qeghdha titlob lill-Qorti sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejnha u bejn il-konvenut, u sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni. Peress illi l-attrici flimkien ma’ wlied il-partijiet tghix Malta, filwaqt li l-konvenut jghix il-Belgju, l-istess konvenut eccepixxa, *inter alia*, illi abbazi tal-EC Regulation 2201/2003, il-qrati maltin m’ghandhomx gurisdizzjoni jisimghu u jiddeciedu l-kaz. Eccepixxa wkoll li ai termini tal-Artikolu 2 tar-Regolament 44/2001, illum Regolament 1215/1012, huwa kellu jigi imharrek fil-Belgju li hu l-istat membru fejn hu domiciljat. Ghalhekk isostni li l-gurisdizzjoni sabiex jinstema’ l-kaz tal-partijiet hija radikata fil-qrati belgjani u mhux fil-qrati maltin..

**Is-Sentenza Appellata**

L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tat-30 ta’ Gunju 2015, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, b’dan pero’ li l-intimat jikkontendi li din l-istess qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz odjern abbazi tal-EC Regulation 2201/2003 tas-27 ta’ Novembru 2003. Jikkontendi wkoll li *ai termini* tal-Artikolu 2 tar-Regolament 44/2001, illum Regolament 1215/2012, ‘persons should be sued in the member state where they are domiciled’. Ghalhekk jargumenta li l-Qrati Belgjani ghandhom il-

gurisdizzjoni sabiex jisimghu u jiddeciedu l-kaz odjern u mhux il-Qrati Maltin.

“Il-partijiet rispettivi ressqu l-provi taghhom abbazi ta’ din l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni, b’dan li fix-xiehda taghha l-attrici tikkontendi li minkejja li hi u l-intimat zewgha dehru quddiem medjatrici fil-Belgju u ntlahaq ftehim temporanju anke fuq il-minuri, tiddikjara li f’kaz li ma jintlahaqx ftehim bejniethom sat-30 ta’ Gunju 2015, il-partijiet kellhom jew jestendu l-ftehim jew li terga’ tikkonsidra tmur lura lejn il-Belgju. Tikkonferma li ma rrizenjatx mill-impjieg taghha gewwa l-Belgju pero’ tispecifika li tista’ ma tirrezenjax, tinghata l-*leave* u *extension* tieghu bid-dritt li zzomm l-impjieg ghal zmien ta’ (12) tnax –il sena b’dan li tista’ wkoll tahdem fl-istituzzjonijiet hawn Malta. Tikkonferma wkoll li l-minuri ghandu nazzjonalita’ doppja u cioe’ dik tal-Belgju u dik Maltija.

“Min-naha l-ohra l-intimat jargumenta li hu, martu u l-minuri binhom huma kollha domiciljati gewwa l-Belgju, b’dan li l-intenzjoni kienet li jibqghu hemm. Jiddikjara li l-fatt li martu qieghda hawn Malta flimkien mat-tifel hija xi haga temporanja li tirrizulta mill-ftehim ta’ bejniethom li gie ffirmat quddiem medjatur privat  gewwa l-Belgju. Jghid ukoll li r-residenza tal-minuri, bhal tieghu u bhal ta’ martu hija l-Belgju wkoll. Jghid li jara lill-minuri kull xahar (minn mindu l-minuri gie hawn Malta ma’ ommu) u jqatta’ mieghu qisu hamest (5) ijiem.

“L-attrici tipprezenta kopja tal-biljetti tal-ajru[1] li permezz tieghu turi li ilha Malta mill-10 ta’ Lulju 2014 u kopja ta’ dokument rilaxxat mis-Summer School[2] li kien jattendi l-minuri tul is-Sajf tal-2014.

“Il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni legali tal-kawza odjerna ddur fuq l-applikabbilita’ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta’Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta’ sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta’ responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 hekk kif ċitat mill-intimat permezz tar-risposta ġuramentata tiegħu.
L-intimat jiċċita l-Artikolu 3 li jsegwi hekk:

“‘1. Fi kwistjonijiet dwar id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ, il-ġurisdizzjoni ħa taqa’ taħt il-kompetenza ta’ l-qrati ta’ l-Istat Membru (a) f’liema territorju:

— “il-konjuġi huma abitwalment residenti, jew —
— “il-konjuġi kienu joqgħodu hemm l-aħħar, peress illi xi ħadd minnhom għadu/għadha residenti hemm, jew
— “il-konvenut huwa abitwalment residenti, jew
— “fil-każ ta’ applikazzjoni konġunta, wieħed jew waħda mill-konjuġi huwa abitwalment residenti, jew

[1] Ara Dok. KVB1 esebit a fol 58 tal-process
[2] Ara Dok. KVB2 esebit a fol 60 tal-process

— "L-applikant huwa abitwalment residenti jekk hu jew hija kienu joqgħodu hemm mill-inqas sena mmedjatament qabel ma' saret l-applikazzjoni, jew

— "L-applikant huwa abitwalment residenti jekk hu jew hija kienu residenti hemm mill-inqas sitt xhur immedjatament qabel saret l-applikazzjoni u jekk wieħed jew waħda minnhom huwa ċittadin ta' l-Istat Membru in kwistjoni jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, għandu jew għandha "id-domiċilju" hemmhekk;

"(b) dwar in-nazzjonalità taż-żewg konjuġi jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, dwar "id-domiċilju" taz-żewġ konjuġi'.

"Mill-qari tal-istess Artikolu, jidher car li l-Qorti ghandha sitwazzjoni fejn l-intimat jikkontendi li z-zewg partijiet ghandhom l-istess residenza u domicilju (u cioe' l-Belgju) filwaqt li l-attrici tikkontendi li gialadarba ilha hawn Malta ghal aktar minn sitt xhur, allura hija stabbiliet ir-residenza u ssodisfat il-kriterji tal-Artikolu hawn fuq citat sabiex tkun tista' tmexxi l-kawza taghha quddiem il-Qrati Maltin. L-intimat jargumenta li l-fatt li l-attrici ma rrizenjatx mix-xoghol taghha, tant li kellha titla lura lejn il-Belju ghall-habta ta' Settembru, juri kemm fil-fatt ir-residenza taghha hija l-Belgju. Min-naha l-ohra, l-attrici tikkontendi li marret lura lejn il-Belgju b'mod temporanju b'dan li minhabba n-natura tax-xoghol taghha mal-istituzzjonijiet m'ghandhiex ghalfejn tirrizenja. Barra minn hekk, l-assenza taghha minn Malta ghal gimghatejn ma tammontax ghal bdil ta' residenza jew nuqqas tal-istess.

"Jidher ghalhekk li prezentement il-Qorti ghandha quddiemha sitwazzjoni fejn l-attrici tikkontendi li issa stabilixxiet ruhha hawn Malta, b'dan li ghandha residenza Maltija u konsegwentement japplika ghaliha l-Artikolu 3 tar-Regolament imsemmi aktar 'il fuq, filwaqt li l-intimat jikkontendi li t-tnejn li huma residenti tal-Belgju b'dan li l-attrici giet Malta flimkien mal-minuri abbazi ta' ftehim milhuq quddiem medjatur privat. F'dan il-kuntest anke l-intimat allura jiccita l-Artikolu 3 tal-istess Regolament, izda subartikolu differenti minn dak citat mill-attrici. *Stante* li allura jirrizulta li hemm referenza ghal subartikoli differenti tal-istess Artikoli li jaghtu gurisdizzjoni liz-zewg pajjizi (dejjem skond it-tezijiet differenti tal-partijiet), allura l-Qorti trid fl-ewwel lok tiddeciedi jekk verament l-attrici ghandiex residenza *ai termini* tal-istess Artikolu u sussegwentement, (jekk ikun il-kaz), liema Qorti ghandha pussess (*stante* li l-attrici tikkontendi li kienet ilha Malta b'dan li l-minuri anke attenda *summer school* hawn Malta) filwaqt li l-intimat jikkontendi li l-partijiet kienu diga' marru quddiem medjatur Belgjan, waslu ghal ftehim temporanju u li ghalhekk kienu diga' bdew il-proceduri gewwa l-Belgju. Il-Qorti, wara li rat l-atti prezentati fil-mori tal-kawza s'issa u wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, tasal ghall-konkluzjoni li l-attrici stabbiliet residenza hawn Malta b'dan li l-Artikolu citat minnha gie verament sodisfatt peress li z-zmien ta' sitt xhur gie sodisfatt. Il-Qorti thoss li l-argument tal-intimat fejn isostni li l-perjodu ta' sitt (6) xhur ma giex sodisfatt ghaliex l-attrici marret il-Belgju ghal perjodu qasir ta'

gimghatejn f'Settembru 2014 ma jregix u ma jistax jigi interpretat bhala zmien fejn l-istess attrici ma kellhiex residenza Maltija. Dan ghaliex kif jghid tajjeb l-abbli difensur tal-attrici, l-interpretazzjoni tal-Ligi u r-Regolament ma tistax issir b'mod li tesigi lill-persuna li tkun qed tikkontendi li hemm residenza li tkun f'dak il-pajjiz b'mod konsistenti minghajr ma tallarga ftit mill-pajjiz ghal kwalunkwe raguni li tkun. Hija l-intenzjoni u l-kwistjoni ta' fejn tistabbilixxi d-dar taghha li twassal ghar-residenza u mhux il-fatt li tkun ilha f'pajjiz minghajr ma tkun assenti ghal ftit jiem. Tenut kont ta' dan, il-Qorti thoss li ghalhekk l-attrici tissodisfa r-rekwizit relattiv ghaliex stabbiliet residenza hawn Malta (anke tenut kont li binha attenda *summer school* hawn Malta) u ma wriet ebda intenzjoni li riedet terga' tmur tghix gewwa l-Belgju (minkejja li ma kienitx irrizenjat mill-impjieg taghha u dan peress li kellha d-dritt li ma toffrix tali rizenja peress li dan huwa dritt li ghandhom l-impjegati li jahdmu mal-istituzzjonijiet).

"Gialadarba gie stabbilit li l-attrici assumiet residenza hawn Malta, l-qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti l-ftehim ta' bejn il-partijiet. L-attrici tikkontendi li l-ftehim milhuq bejniethom mhux wiehed validu peress li dan qatt ma gie awtorizzat mill-Qorti Belgjana u allura ma jikkostitwixxix 'sentenza' jew 'digriet' skond l-istess Regolament. Il-Qorti f'dan l-istadju tagħmel referenza għall-Artikolu 2 tal-istess imsemmi Regolament u tasal għall-konklużjoni li l-ftehim li dwaru l-intimat jibbaza l-azzjoni tieghu zgur li ma jistax jigi interpretat bhala 'sentenza' jew 'digriet' *ai termini* tal-istess Artikolu u dan *stante* li dan il-ftehim sar *tramite* medjatur privat fil-preżenza tal-avukati rispettivi tal-partijiet gewwa l-Belgju, u huwa ammess mill-intimat li qatt ma gie kkonfermat minn xi qorti.

"Gialadarba l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-ftehim ta' bejn il-partijiet ma jikkostitwixxi sentenza jew digriet kif inghad aktar 'il fuq, allura f'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 16 tar-Regolament imsemmi aktar 'il fuq u li jgħid hekk:

"'1. Qorti għandha tiġi kkunsidrata li hija fil-pussess; (a) fiż-żmien li d-dokument li istitwixxa l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti jiġu ppreżentati l-qorti, dement li l-applikant ma naqasx/sitx sussegwentement milli jieħu/tieħu l-passi neċessarji li kienu dovuti li sabiex issir in-notifika fuq il-konvenut; jew (b) jekk id-dokument għandu jiġi notifikat qabel ma jiġi ppreżentat il-qorti, waqt iż-żmien li jiġi riċevut mill-awtorità responsabbli għas-servizz, dement li l-applikant ma jonqosx milli jieħu l-passi li kellu jieħu biex id-dokument jiġi ppreżentat il-qorti'.

"Mill-qari tal-istess Artikolu, jidher car li din il-Qorti fil-vesti taghha giet meqjusa li ghandha pussess fil-mument li l-attrici intavolat l-ittra ta' medjazzjoni li permezz taghha bdiet il-proceduri ta' separazzjoni. M'hemm ebda dubju li l-ittra tal-medjazzjoni giet intavolata nhar it-12 ta'

> Frar 2015[3]. Sussegwentement ghall-imsemmija ittra, l-attrici (dejjem fit-terminu moghti lilha mil-ligi u cioe' fi żmien xahrejn mid-data tad-digriet li permezz tieghu giet awtorizzata li tintavola l-kawza odjerna, mexxiet bl-istess kawza). Ghal finijiet ta' kjarezza jinghad li l-kawza odjerna giet intavolata nhar is-27 ta' Marzu 2015, filwaqt li d-digriet li permezz tieghu l-attrici giet awtorizzata tintavola l-istess kawza kien datat it-13 ta' Frar 2015.
>
> "Min-naha l-ohra, l-intimat ma jressaq ebda prova li huwa mexxa b'xi proceduri l-Qorti u ma jipprezenta ebda dokument li permezz tieghu juri jew jistabbilixxi prova li huwa intavola proceduri quddiem il-Qorti tal-Belgju. Huwa minnu li kien hemm dan il-ftehim bejn il-partijiet, pero' mill-atti li gew prezentati fl-atti tal-kawza ma jirrizulta li hemm ebda procedura quddiem il-Qrati barranin, tant hu hekk li hekk kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq, il-ftehim ta' bejniethom mhuwiex wiehed li jitqies bhala sentenza jew digriet skond ir-Regolament imsemmi aktar 'il fuq."

**<u>L-Appell</u>**

Il-konvenut hass ruhu aggravat mis-sentenza appellata u fl-24 ta' Lulju 2015 ipprezenta rikors ta' appell, fejn, ghar-ragunijiet hemm spjegati qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tiddeciedi l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu billi tilqaghhom u tiddikjara li l-ewwel qorti ma kellhiex il-gurisdizzjoni necessarja sabiex tiddeciedi l-kawza.

Permezz ta' risposta pprezentata fit-13 ta' Gunju 2016, l-attrici laqghet ghall-appell tal-konvenut, billi ghar-ragunijiet hemmhekk spjegati, talbet lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha;  bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

---

[3] Ara a fol 6 tal-process

**<u>L-Aggravji</u>**

In succint, il-konvenut jilmenta illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra li l-*habitual residence* kemm tal-appellata kif ukoll tal-minuri qatt ma tbiddlu mill-Belgju ghal Malta, in kwantu l-intenzjoni tal-partijiet meta lahqu l-ftehim a bazi tal-*Convention d'Honneur* kien li l-omm u l-iben jergghu imorru l-Belgju u l-kura u l-kustodja tigi determinata mill-qrati belgjani u dan wara l-iskadenza tal-ftehim fit-30 ta' Gunju 2015. Jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti qieset id-data tal-10 ta' Lulju 2014 bhala d-data li fiha kellu jibda jiddekorri t-terminu ta' sitt xhur necessarju ghall-bdil tar-residenza, meta f'dik id-data l-attrici giet biss ghal mawra twila gewwa Malta u ma kellhiex l-intenzjoni titrasferixxi f'Malta r-residenza taghha.

Il-konvenut jghid ukoll li mill-1 ta' Lulju 2014, il-kunsens tal-missier li l-minuri jkun Malta kien spicca u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 10 tar-Regolament Ewropew, il-gurisdizzjoni hija tal-istat membru tal-pajjiz fejn il-minuri kien residenti qabel ir-*wrongful removal jew retention*. Jissottometti wkoll li l-ewwel Qorti qieset il-kwistjoni ta' gurisdizzjoni mill-lat biss ta' separazzjoni u mhux mil-lat ta' responsabbilta` parentali u manteniment ghall-minuri. Jghid ukoll li mhux minnu kif sostniet l-ewwel Qorti li l-attur ma pprezentax kawza ta' divorzju u wkoll talbiet rigwardanti l-kura u kustodja kongunta tal-minuri gewwa l-Belgju. Jghid

li l-principju *pacta sunt servanda* ghandu jigi f'kull kaz onorat mill-qrati ai termini tal-Konvenzjoni fuq imsemmija u ghalhekk, galadarba l-partijiet issottomettew ruhhom ghall-gurisdizzjoni tal-qrati belgjani huma dawn il-qrati li ghandhom gurisdizzjoni fil-kaz de quo.

Da parti taghha l-attrici twiegeb, inter alia, illi l-appell tal-konvenut huwa null in kwantu gie pprezentat iktar minn ghoxrin jum wara d-data tas-sentenza u ghalhekk huwa *fuori termine*. Tissottometti, ukoll in linea preliminari, illi d-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell ghandhom jigu sfilzati in kwantu huma inammissibbli.

Il-konvenut imbaghad ressaq aggravju fil-meritu li pero` din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni taghhom ghar-ragunijiet spjegati aktar 'l isfel.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Qabel ma jigi trattat il-meritu tal-appell, din il-Qorti tosserva li, fl-ewwel lok ikun opportun li tiddetermina l-pregudizzjali sollevata mill-attrici appellata dwar in-nullita` tal-appell, peress illi, skont hi, gie ipprezentat *fuori termine*, u dan peress illi l-appell gie pprezentat wara l-iskadenza ta' 20 jum mid-data tas-sentenza appellata. L-attrici tikkontendi li sentenza dwar il-kompetenza tal-Qorti tista' tigi appellata minghajr il-htiega tal-permess mill-ewwel Qorti kif kontemplat fl-Artikolu 231 tal-

Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kap. 12], b'dan illi japplika t-terminu ta' ghoxrin jum mid-data tas-sentenza.

Il-konvenut minn naha tieghu jsostni illi, wara li nghatat is-sentenza preliminari, hu talab b'success permess specjali biex ikun jista' jressaq appell mis-sentenza appellata ai termini tal-artikolu precitat u konsegwentement, ipprezenta l-appell tieghu fi zmien 20 jum mill-ghoti ta' dak il-permess fis-7 ta' Lulju 2015.

In materja legali, ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti datata 15 ta' Dicembru 2015, fl-ismijiet **Dr Joseph R. Pace noe v. Noura Hamed Ahmed Mohamed**, fejn dwar dan il-mertu l-Qorti sostniet:

> "This Court has already stated that in matters of the competence of the Courts, an appeal is granted as of right (Article 234 of the Code of Organization and Civil Procedure) without the need of seeking prior permission from the Court. In fact in Mehmet noe v. Micallef Stafrace noe decided by this Court on the 3rd of February, 2010, this Court had observed:
>
> > "Ghalhekk <u>hawn isib distinzjoni netta bejn appelli minn sentenzi preliminari ta' kull generu li jehtiegu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex dak l-appell jigi ntavolat qabel is-sentenza finali, u dawk l-appelli minn sentenzi preliminari dwar il-kompetenza tal-Qorti li ma jehtiegux din l-awtorizzazzjoni.</u>[4] Naturalment sentenza dwar kompetenza fejn il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kawza, qatt ma tista' tirrikjedi l-permess tal-Qorti li tkun ppronunzjata biex isir appell u dan billi tali sentenza, fiha nnifisha, ma tkunx wahda preliminari izda pjuttost finali billi b'dak il-pronunzjament il-gudizzju jigi terminat. F'dan il-kaz il-legislatur ma kellux bzonn li jipprovdi billi jkunu japplikaw l-provvediment generali koncernati appelli minn sentenzi finali. Biss fil-kaz ta' sentenza fejn il-Qorti tkun cahdet l-eccezzjoni ta'

[4] Sottolinear tal-Qorti

nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha, u b'hekk iddikjarat ruhha kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kaz, bhal fil-kaz in ezami, dik is-sentenza tkun wahda preliminari billi l-process gudizzjarju jibqa' mixi. F'dan il-kaz, ghalhekk, il-legislatur, kieku ried, halla l-kwistjoni ta' l-appellabilita` minn dik is-sentenza qabel is-sentenza finali li tigi regolata bl-Artikolu 231 bhal kazijiet l-ohra. Izda jidher li dan ma kienx dak li ried il-legislatur billi mhux talli f'dawn il-kazi, kkonferixxa dritt ta' appell lill-parti interessata minghajr ir-rekwisiti tal-Artiklu 231 talli ddispona oltre meta kkonferixxa fuq il-Qorti tal-Ewwel Grad id-diskrezzjoni tal-ghazla li twaqqaf is-smigh tal-kawza sakemm jinqata' dak il-punt fil-Qorti fi grad ta' Appell."

"The same position was adopted by the Court in the cases Gaming VC Corportation Ltd. v. Boss Media Malta Casino Ltd. also decided on the 3rd of February, 2010, and "Vella et v. Malta Industrial Parks Ltd." decided on the 26th of June, 2015."

L-istess tenniet din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-27 ta' Mejju 2016, fl-ismijiet **Dr Cedric Mifsud et v. Andrew u Theresa sive Tessie Azzopardi**, fejn il-Qorti, b'referenza ghal sentenzi ohra in materja, sahqet:

"13. Issa huwa minnu illi l-konvenuti kienu talbu u ottjenew l-awtorizzazzjoni mill-ewwel Qorti sabiex jipprezentaw appell mis-sentenza preliminari moghtija minnha, kif huwa minnu wkoll illi l-atturi ma ssollevawx din il-pregudizzjali fir-risposta taghhom ghar-rikors tal-konvenuti quddiem dik il-Qorti, izda illum huwa assodat fil-gurisprudenza patria illi t-termini tal-appell huma materja ta' ordni pubbliku u ma jistghu b'ebda mod jigu derogati jew mibdula, lanqas bi qbil bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, fil-kaz odjern, <u>il-permess moghti mill-ewwel Qorti ma jistax jidderoga minn dak statutorjament impost mill-ligi procedurali fir-rigward.</u>[5]

"14. Il-posizzjoni dwar it-termini stipulati fid-dritt procedurali giet spjegata bil-mod segwenti minn din il-Qorti fil-kompetenza inferjuri taghha fil-kaz Kenneth Abela v. Aplan Limited moghtija fis-6 ta' April 2008, fejn gie osservat li:

[5] Sottolinear tal-Qorti

> 'Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ad unguem, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola lKera, 21 ta' Marzu 1997); "Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' lAppelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007);[6]"

"15. Issir referenza ghas-sentenza iktar recenti moghtija minn din il-Qorti deciza fil-15 ta' Dicembru 2015 fl-ismijiet Dr John Vassallo v. L-Awtorita` tat-Trasport f'Malta noe fejn, f'kaz analogu ghal dan, din ilQorti spjegat hekk il-pozizzjoni legali fir-rigward:

> "... f'kaz ta' decizjoni fuq il-kompetenza tal-Qorti, jekk parti thossha aggravata bid-decizjoni u tkun trid tappella, ghandha taghmel dan fi zmien 20 jum mis-sentenza minghajr ma toqghod titlob il-permess tal-Qorti li tat is-sentenza. Dan johrog car mill-Artikolu 234 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u mill-gurisprudenza ta' din il-Qorti.[7] Fil-fatt, fil-kawzi Koca v. Micallef Stafrace et noe u Gaming VC Corporation Ltd v. Boss Media Malta Casino Ltd. it-tnejn decizi minn din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2012, intqal hekk fir-rigward: "Mill-artikoli fuq riportati, li ghandu jinghad, gew emendati di recente minhabba ezigenzi ta' natura prattika billi hafna appelli minn sentenzi parzjali kienu qed johonqu l-process gudizzjarju, jidher li filwaqt li l-legislatur ried li, bhala regola generali, appelli minn sentenzi parzjali ma jsirux, hlief flimkien mas-sentenza finali, eccetto meta dan id-dritt jinghata lill-parti interessata fuq talba ghal dan il-ghan, l-istess legislatur zamm apparti dawk l-appelli li jikkoncernaw sentenzi preliminari dwar il-kompetenza tal-istess Qorti. Infatti fl-Artikolu 234 jinghad li f'dawn il-kazi "minn kull sentenza moghtija minn kull qorti fuq il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni mill-kawza, jista' jsir appell;" u f'dan il-kaz il-legislatur ma hassx li kien hemm il-htiega,

---

[6] Ara ukoll App. S. JF Security & Consultancy Services Limited et v. Fondazzjoni ghas-Servizzi Medici et deciza 6 ta' Mejju 2011.
[7] Sottolinear tal-Qorti

> bhal ma jinghad fl-Artikolu 231 li, jintalab permess lill-Qorti biex jigi intavolat dan l-appell. Infatti dwar awtorizzazzjoni ma jinghad xejn."

Ferm il-premess u applikati l-principjji su-citati ghall-kaz odjern, jirrizulta car illi s-sentenza appellata hija wahda li tinkwadra fit-termini tal-Artikolu 234 tal-Kap. 12 u ghalhekk, minn tali sentenza "jista' jsir appell", fit-terminu li timponi l-ligi. It-talba li ghamel il-konvenut ghall-permess kienet inutili, u ma zzommx id-dekorriment tat-terminu ta' 20 jum impost bil-ligi.

Fil-kaz odjern huwa minn dak li gie gustament sottomess mill-attrici li, in kwantu s-sentenza appellata kienet giet moghtija fit-30 ta' Gunju 2015 u l-appell odjern gie intavolat fl-24 ta' Lulju 2015, l-20 jum statutorji ghall-prezentata tal-appell kienu lahqu skadew. Dan ifisser li l-appell li ppropona il-konvenut ma sarx fit-terminu perentorju kontemplat mil-ligi. Ghalhekk, l-appell ghandu jitqies li huwa irritu u null u qieghed jigi michud.

Tenut kont tal-konkluzjoni premessa, mhux il-kaz li din il-Qorti tiehu konjizzjoni tal-aggravju fil-meritu.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tiddikjarah irritu u

null, in kwantu gie prezentat barra t-terminu legali stipulat fl-Artikolu 241 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura civili, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

L-ispejjez relatati ma’ dan l-appell jithallsu kollha mill-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df